# IMSEJKEN JIENA!

*Liż-żagħżugħ Ġużè Aquilina kittieb.*

Oh x'ħasra kbira kienet din għalija,
Li niġi ngħix ħajjet id-dmugħ u l-hemm:
Nixrob il-morr u l-qrusa b'duwa għaslija:
Nixrob b'qawwiet is-saħħa l-eqqel semm!

Oh x'baħar kbir ta' wġigħ u dieq u dmija
Q'għed taqsam ħajjti biex bil-mewt tintemm:
Għalxejn infittex serħ l-imħabba fija:
Għalxejn infittex tagħha l-kif u l-kemm!

U jiena mmut u ndub u mmur għal dejjem,
Bħalkieku qatt ma kont fuk dina l-art,
Minngħajr ma nħalli ħliqa lili tqejjem...

U nitlaq hekk warajja d-dinja lsira
U kullma fiha jati xewk u ward:
Biżżejjed vers għalija bħal tifkira.

27-2-34 VASSALL S.M.